**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 4/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Ahmed Ali Salah Lawan**

**Illum, 12 ta' Mejju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ta' 25 sena, iben Ali u Zenp, imwielda l-Libja nhar l-24 ta' Dicembru 1991, residenti Marsa Open Centre, Marsa, detentur ta' numru tar-*Refugee Commission* 20606/16;

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Jannar 2017, gewwa San Giljan:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametri ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi skont ix-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino, fil-lejl in kwistjoni, huwa flimkien ma' membri ohra mill-Iskwadra kontra d-Droga, kienu qeghdin gewwa Paceville jaghmlu xi tfittxijiet. Waqt li kienu qeghdin quddiem l-istabbiliment *Axis*, waqqfu tliet persuni ta' Nazzjonalita` Ingliza biex jaghmlulhom tfittxija, wiehed mil-liema persuni nstab fil-pussess ta' pillola ta' lewn orangjo suspettata *ecstasy*. Fil-mument li kienet qeghda ssir din it-tfittxija, l-imputat avvicina lil dawn il-persuni. Skont ix-xhud, l-imputat kien qed izomm idu f'ponn, ghamel sinjal b'ghajnejh lil dawn il-persuni u qalilhom xi haga minn taht l-ilsien. Jghid illi l-imputat "*xejjer rasu hekk u ghamel speci 'ghandi' u kien qed izomm idejh hekk ponn 'l fuq hekk*"[1] fis-sens illi idu kienet imdawwra 'l fuq. Ix-xhud jghid ukoll illi dak il-hin waqqaf lill-imputat u hataflu jdejh, izda dan beda jirrezisti u gie mizmum mix-xhud u minn membri ohra tal-Iskwadra, inkluz PC 1494. Jghid ukoll illi l-imputat waddabhom mal-art u huma gabruhom, li wahda kienet go borza *self sealable* zghira u t-tnejn l-ohra kienu *loose* u li kienu tal-istess kulur bhal dik li nstabet fil-pussess tal-persuna ta' nazzjonalita` Ingliza. Wara b'referenza ghal Dokument GM, jispjega li dawn kienu l-pilloli ta' lewn orangjo, li ghalihom irrefera fix-xhieda tieghu, ossia l-pilloli li l-imputat rema minn idejh.[2]

[1] Ara a fol. 21 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino, a fol. 20 sa 23 tal-process.

Fix-xhieda tiegħu PC 1494 Andre Grech jgħid illi għall-ħabta tas-2.00 a.m. tad-29 ta' Jannar 2017, waqt li kien qiegħed xogħol ġewwa Paceville, quddiem l-istabbiliment *Axis*, huwa ra lil PS 891 jipprova jżomm persuna ossia lill-imputat odjern u hekk kif ra lil dan tal-aħħar jirreżisti, huwa pprova jgħin lill-kollega tiegħu. Jgħid illi huwa żammu, għalkemm dan baqa' jirreżisti u x'ħin kien qiegħed jagħmillu jdejh fuq wara biex jimmanettjah, raħ jarmi tliet pilloli fl-art, liema pilloli kienu ta' lewn oranġjo. Jikkonferma illi Dokument GM jikkontjeni l-pilloli in kwistjoni, li waħda minnhom kienet f'borża *sealed* u li l-oħrajn kienu separati.[3]

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[4], jirriżulta illi huwa ngħata tliet pilloli għall-analiżi tiegħu u skont il-konklużjonijiet tiegħu, fuq estratti meħuda mill-pillola ta' lewn oranġjo fid-dokument li huwa ġie mogħti, instabet is-sustanza ***3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*** (ossia *ecstasy*, kif jispjega fix-xhieda tiegħu) u li n-numri ta' pilloli kien ta' 3.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar id-29 ta' Jannar 2017 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija, kif ukoll id-drittijiet li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju, liema drittijiet l-imputat għażel li ma jeżercitahomx.[5] Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat jikkonferma illi huwa nstab fil-pussess ta' pilloli matul dak il-lejl u jispjega illi jumejn qabel huwa biegħ l-*mobile phone* tiegħu lil ċertu Għarbi u li dan ma ħallsux. Jgħid illi kien jaf li dan kien ser ikun Paceville, mar warajh u ra fejn dan kien qed ipoġġi dawn il-pilloli, ħadhomlu, qallu biex jagħtih il-flus tal-*mobile*, inkella ma kienx ser jagħtih il-pilloli lura u sussegwentement, il-pulizija qabduh fil-pussess ta' dawn il-pilloli. Jgħid illi huwa kien ser ibiegħ il-pilloli biex jiġbor flusu. Jerġa' jikkonferma illi t-terz ma ħallsux tal-*mobile,* li huwa ħadlu l-pilloli u li tela' Paceville biex ibigħhom sabiex jiġbor il-flus tal-*mobile.* Jgħid ukoll illi kien xtara dan il-*mobile* bil-prezz ta' €160 mill-Ħamrun, li huwa biegħu lit-terz bil-prezz ta' €100, li dan kien ħallsu biss €50 u li ma riedx iħallsu l-bqija tal-flus. Jgħid illi t-terz ma kienx jaf li ħadlu l-pilloli u meta mistoqsi kemm kien ħadlu pilloli, jgħid illi fil-borża kien hemm tlieta. Mistoqsi kemm kien ser ibigħhom, huwa jgħid illi ma kellux prezz u l-importanti għalih kien li jiġbor xi ħaġa oħra minn flusu. Mistoqsi min kien it-terz, jgħid illi kien Somalu, iżda ma jafux.

---

[3] Ara x-xhieda ta' PC 1494 Andre Grech, a fol. 24 sa 26 tal-proċess.
[4] Din tinsab esebita a fol. 37 *et seq* tal-proċess.
[5] Ara d-dikjarazzjoni a fol. 10 tal-proċess u l-istqarrija tal-imputat a fol. 11 tal-proċess.

Il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda tal-interpretu Nazmi Khalil Huoto, li jghid illi minkejja li ma kienx prezenti fil-mument li ttiehdet l-istqarrija bil-miktub tal-imputat, biss huwa gie msejjah gewwa l-ufficju tal-Ispettur Investigatur u gie mitlub jaqra l-istqarrija lill-imputat bil-lingwa Gharbija u jispjegahielu, kif fil-fatt ghamel. Jghid illi l-imputat qal li kien minnu illi kellu xi kwistjoni ma' persuna ohra fuq xi *mobile*, li huwa kkonferma l-kontenut tal-istqarrija, b'dan illi qal ukoll illi huwa ma kienx qal lill-Ispettur li huwa traffikant jew li kellu l-intenzjoni li jittraffika d-droga, izda illi huwa seraq dawn il-pilloli lil haddiehor biex ibieghhom u b'hekk idahhal is-somma ta' €50. Jghid illi kien hemm nuqqas ta' ftehim bejnu u bejn l-imputat u dan fis-sens illi l-imputat baqa' jghid illi huwa ma kellux l-intenzjoni li jitraffika, hlief kif inghad illi jbiegh il-pilloli biex igib il-flus tal-*mobile* u li ghalhekk l-imputat ma ffirmax l-istqarrija tieghu.[6]

Issa fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi m'ghandhiex dubju illi l-imputat, minkejja li matul l-interrogazzjoni tieghu ma kienx assistit minn interpretu, fehem sew dak li kien qed jigi mistoqsi lilu mill-Ufficjal Investigatur. Dan qed jinghad kemm fid-dawl tal-istqarrija stess, mil-liema jirrizulta car illi l-imputat kien qed jifhem tajjeb dak li kien qed jigi mistoqsi lilu u anke gharaf iwiegeb ghall-mistoqsijiet kollha li sarulu b'mod car u relevanti u anke b'Malti tajjeb u anke fid-dawl tax-xhieda tal-Ispettur Gabriel Micallef li jghid illi l-imputat kien ikkomunika mieghu bil-lingwa Maltija u li deher li kien qed jifhem dak kollu li kien qed jghidlu. In oltre, kif jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Ispettur Micallef u anke mix-xhieda tal-interpretu Khalil Nazmi Huoto, l-imputat ikkonferma l-istqarrija tieghu anke wara li din giet moqrija u spjegata lilu mill-interpretu bil-lingwa Gharbija, salv illi huwa spjega illi ma kellux l-intenzjoni li jitraffika d-droga (f'dan il-kaz il-pilloli), izda li huwa kien seraq dawn il-pilloli biex ibieghhom u b'hekk idahhal il-flus li ma kienx thallas ghall-bejgh tal-*mobile phone*.

Permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat ta' medicina psikotropika u ristretta ossia *ecstasy.*

Tqis f'dan ir-rigward illi m'hemmx dubju mill-provi prodotti, inkluz mill-istqarrija tal-istess imputat illi l-pilloli in kwistjoni nstabu fil-pussess tal-imputat odjern. F'dan il-kaz, l-imputat bl-ebda mod ma allega illi dawn il-pilloli kienu ghall-uzu personali tieghu. Anzi jghid illi dawn kien seraqhom minghand terza persuna stante li dan tal-ahhar kien xtara minghandu *mobile phone* u baqa' ma hallsux il-prezz intier tieghu. Ghalhekk skont hu, huwa mar gewwa Paceville sabiex ibiegh dawn il-pilloli sabiex b'hekk igib il-flus tal-*mobile phone.* Issa f'dan ir-rigward il-

[6] Ara x-xhieda ta' Nazmi Kalil Huoto, a fol 29 sa 32 tal-process.

Qorti tinnota illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma kienx daqstant konsistenti u fil-waqt li baqa' jirrepeti din il-verzjoni ossia illi l-intenzjoni tieghu kienet li jbiegh il-pilloli sabiex igib il-flus tal-*mobile phone* li kien ghadu kif biegh, f'punt minnhom jghid illi kien biegh il-*mobile phone* lil certu Gharbi u li huwa talab lil dan l-Gharbi biex jaghtih il-flus tal-*mobile,* inkella ma kienx ser jaghtih il-pilloli lura. Izda wara jghid illi dan it-terz ma kienx jaf li kien hu li hadlu l-pilloli u li dan kien certu Somalu. Il-Qorti tqis madankollu illi ghamel x'ghamel l-imputat biex gie fil-pussess ta' dawn il-pilloli, huwa sostna kemm il-darba fl-istqarrija rilaxxjata minnu illi l-intenzjoni tieghu kienet illi jbieghhom u li kien mar gewwa Paceville proprju ghal dan il-ghan. Effettivament, il-kontestazzjoni tieghu mal-interpretu wara li l-istqarrija regghet giet moqrija u spjegata lilu ma kinitx illi huwa ma kienx ser ibiegh dawn il-pilloli, izda sempliciment illi huwa mhux traffikant tad-droga u li huwa ma riedx jitraffika d-droga. Madankollu, huwa evidenti illi l-fatt illi l-intenzjoni tal-imputat kienet li jbiegh dawn il-pilloli, kienet x'kienet ir-raguni ghaliex kien ser jaghmel dan, tekwivali precizament ghall-intenzjoni li wiehed jitraffika l-istess pilloli. In oltre apparti l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tqis ukoll illi c-cirkostanzi li fihom l-imputat instab fil-pussess tal-pilloli in kwistjoni, jikkorroboraw l-ammissjoni tal-imputat fis-sens illi l-intenzjoni tieghu kienet illi jbiegh l-imsemmija pilloli. Jirrizulta mix-xhieda ta' PS 891 u PC 1494 illi hekk x'hin gie mwaqqaf l-imputat, il-pilloli in kwistjoni kienu proprju f'idejh. Il-Qorti m'hijiex tqis dak li xehed dwaru PS 891 fis-sens illi fil-pussess ta' wiehed mill-persuni ta' Nazzjonalita` Ingliza nstabet pillola orangjo wkoll u dan ghaliex din il-pillola la giet esebita u wisq inqas analizzata, anke ghal fini ta' komparazzjoni mal-pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat. In oltre, l-istess persuna ta' Nazzjonalita` Ingliza lanqas ma giet imtella' bhala xhud f'dawn il-proceduri. Naturalment dak li osserva PS 891 fil-mument li kien qed jaghmel it-tfittxija fuq dawn il-persuni ta' Nazzjonalita` Ingliza ossia lill-imputat javvicina lil dawn il-persuni u jxejjer rasu lejhom huwa ferm suspettuz u jista' wkoll ikun indikattiv tal-intenzjoni tal-imputat. Biss li huwa zgur, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa illi persuna li jkollha sempliciment l-intenzjoni li tikkonsma hi l-pilloli misjuba fil-pussess taghha, ma toqghodx tigri bihom f'idejha f'nofs Paceville. Effettivament, kif inghad, it-tliet pilloli in kwistjoni kienu f'id l-imputat – fatt dan li wkoll ma jhalli l-ebda dubju lil din il-Qorti dwar x'kienet l-intenzjoni tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirrizulta ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, imbaghad, l-imputat gie addebitat bl-aggravju tad-distanza. Jirrizulta car mix-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino u PC 1494 Andre` Grech illi l-imputat gie mwaqqaf quddiem l-istabbiliment *Axis*, gewwa

Paceville, u ghalhekk proprju fic-centru ta’ Paceville fil-lejl ta’ bejn is-Sibt u l-Hadd u ghaldaqstant, m’hemmx dubju illi dan l-aggravju jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta, kif ukoll illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f’dawn il-proceduri, ma jistax jinghad illi ma weriex koperazzjoni mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Effettivament, ammetta f’din l-istqarrija li l-pilloli in kwistjoni kienu intizi ghall-bejgh.

Qieset ukoll in-natura u s-serjeta` tal-ewwel imputazzjoni, in-numru ta’ pilloli li nstabu fil-pussess tal-imputat u li din l-imputazzjoni hija aggravata bid-distanza ai termini tat-tieni imputazzjoni. Ghalhekk ai termini tal-proviso tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-piena ghandha tizdied bi grad.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u l-proviso tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ tmien (8) xhur prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reat li tieghu qed jinstab hati permezz ta’ din is-sentenza - u piena ta’ multa seba’ mitt Euro (€700).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-inkarigu tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta’ mija, tnejn u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€182.71).

Tordna d-distruzzjoni ta’ Dokument GM, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat